# Malta Skeda Informattiva dwar is-Settur tal-Kura Soċjali u s-Servizzi ta’ Appoġġ għal Persuni b’Diżabbiltà

**Parti minn serje ta’ Skedi Informattivi Għal Kull Pajjiż disponibbli fuq is-sit web tal-EASPD**

Miktuba minn: Lara Bezzina
Ikkoordinata u editjata minn: Policy Impact Lab



EASPD
IMPROVING SERVICES
IMPROVING LIVES

# SOTTOSETTURI TAL-KURA SOĊJALI U TAS-SERVIZZI TA' APPOĠĠ U L-KARATTERISTIĊI TAGĦHOM

## Intervent Bikri tat-Tfal

F'Malta, is-servizzi ta' intervent bikri tat-tfal huma kkoordinati mill-Unità tal-Valutazzjoni tal-Iżvilupp tat-Tfal (Child Development Assessment Unit - CDAU) fil-Ministeru għas-Saħħa, li jagħmel valutazzjoni multidixxiplinarja komprensiva, wara li jiġi adottat pjan ta' intervent. Dawn is-servizzi huma disponibbli għal tfal minn 0 sa 16-il sena b'diżabbiltà inklużi l-awtiżmu, id-diffikultajiet fl-iżvilupp, id-diffikultajiet fit-tagħlim, l-ADHD, il-paraliżi ċerebrali, il-korrimenti fir-ras, is-sindrome ta' Down u sindromi oħrajn. Imbagħad, il-pjan jiġi implimentat mill-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol (Ministry for Education and Employment - MEDE) u numru żgħir ta' NGOs. MEDE jipprovdi appoġġ lit-tfal (0-5 snin) b'diżabbiltajiet jew dewmien fl-iżvilupp u l-familji tagħhom. Is-servizzi offruti mis-CDAU u mill-MEDE huma ffinanzjati mill-gvern.

Il-fornituri ewlenin tas-servizzi ta' intervent bikri speċifikament għal tfal bi spettru ta' awtiżmu u disturbi relatati, huma NGOs[1] għall-profitt u mhux għall-profitt u organizzazzjonijiet privati, li jipprovdu appoġġ ukoll lil tfal b'diffikultajiet fl-imġiba u fil-komunikazzjoni, ADHD, diffikultajiet speċifiċi fit-tagħlim, disfunzjoni sensormotor u diżabbiltajiet oħrajn. Is-servizzi tagħhom jinkludu: terapija (inkluża terapija rigward l-imġiba, okkupazzjonali u rigward id-diskors); servizzi psikoloġiċi u psiko-edukattivi; informazzjoni u assistenza; appoġġ għall-ħiliet tal-komunikazzjoni; appoġġ għal soċjalizzazzjoni; żvilupp fil-moviment; u appoġġ lill-ġenituri u l-aħwa. Dawn is-servizzi huma ffinanzjati permezz ta' taħlita ta' mezzi: il-gvern, miżati tal-utenti sussidjati u mhux issussidjati, donazzjonijiet pubbliċi, sponsorizzazzjonijiet privati u ġbir ta' fondi.

Dawn is-servizzi kollha huma pprovduti fil-livell nazzjonali[2].

## Appoġġ għall-Edukazzjoni

Il-fornitur ewlieni tal-appoġġ għall-edukazzjoni f'Malta huwa l-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol, li jipprovdi servizzi ta' edukazzjoni speċjali (lil persuni b'diżabbiltà ta' 4 sa 22 sena), permezz ta' 5 ċentri ta' riżorsi. Il-ministeru jipprovdi wkoll lill-istudenti b'diżabbiltà fiżika, bżonnijiet kumplessi ta' komunikazzjoni u diżabbiltajiet fit-tagħlim, servizz ta' valutazzjoni fil-qasam tat-Teknoloġija Assistiva u l-Komunikazzjoni Awmentattiva u Alternattiva. Huwa jipprovdi wkoll appoġġ għall-edukazzjoni inklużiva fi skejjel prinċipali inklużi edukaturi ta' appoġġ għat-tagħlim (Learning Support Educators - LSEs); żoni ta' appoġġ għat-tagħlim / gruppi ta' trawwim għal studenti bi problemi fl-imġiba; tim ta' appoġġ għall-ispettru tal-awtiżmu; u appoġġ għal studenti bi smigħ batut u b'vista batuta. Dawn kollha huma ffinanzjati mill-gvern.

L-NGOs jissupplimentaw dawn is-servizzi billi jipprovdu riżorsi edukattivi, u servizzi edukattivi tal-ġenituri u l-klijenti (bħal sessjonijiet ta' żjarat fid-dar u l-iskola) għal studenti b'diffikultajiet fit-tagħlim. Servizzi oħrajn jinkludu appoġġ għal tfal u adulti b'dyslexia u dyscalculia u diffikultajiet oħra fit-tagħlim bil-litteriżmu u n-numeriżmu. Dawn is-servizzi huma ffinanzjati permezz ta' taħlita ta' mezzi: il-miżati tal-utenti tal-gvern, issussidjati u mhux issussidjati, donazzjonijiet pubbliċi, sponsorizzazzjonijiet privati u ġbir ta' fondi. L-NGO Inspire għandha wkoll programm ta' sensibilizzazzjoni tal-iskola, iffinanzjat mill-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol, li jippermetti lit-tfal b'imġieba diffiċli biex imorru Inspire 2-3 darbiet fil-ġimgħa biex jaħdmu fuq l-imġiba diffiċli tagħhom għal perjodu ta' żmien, u wara dan it-tifel/tifla jkomplu bl-iskola tradizzjonali. L-Unità ta' Appoġġ għad-Diżabbiltà fl-Università ta' Malta, ACCESS, tipprovdi appoġġ lill-istudenti b'diżabbiltà.

Dawn is-servizzi kollha huma pprovduti fil-livell nazzjonali.

[1]Dawn l-NGOs ivarjaw bejn kbar ħafna u żgħar ħafna.

[2]"Livell nazzjonali" tfisser li s-servizzi huma pprovduti għal persuni b'diżabbiltà kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex, li hija t-tieni l-ikbar gżira fl-arċipelagu Malti wara Malta.

## Appoġġ għax-Xogħol

L-appoġġ għax-xogħol għall-persuni b'diżabbiltà f'Malta huwa pprovdut permezz ta' Jobsplus, l-aġenzija tal-gvern għax-xogħol, u minn sħubija soċjali pubblika, Il-Fondazzjoni Lino Spiteri (LSF). Flimkien, dawn iż-żewġ entitajiet jipprovdu gwida dwar ix-xogħol, taħriġ għall-impjiegi, taħriġ waqt ix-xogħol jew impjieg protett, skont il-bżonn tal-utent tas-servizz. Jobsplus toffri wkoll żewġ skemi mmirati lejn persuni b'kull tip ta' diżabbiltà: il-"Bridging the Gap Scheme" (immirata lejn persuni rreġistrati b'diżabbiltà li huma rreġistrati bħala persuni qiegħda) tipprovdi appoġġ lil persuni b'diżabbiltà fil-perjodu ta' transizzjoni mill-qgħad għall-impjieg, fejn persuna b'diżabbiltà titqiegħed ma' impjegatur għal perjodu ta' esponiment għax-xogħol u tirċievi 80% tal-paga minima minn Jobsplus; u l-Iskema "Access to Employment" (immirata lejn kwalunkwe persuna li hija persuna b'diżabbilità rreġistrata taħt il-liġi nazzjonali u li mhix f'impjieg full-time) tipprovdi għajnuna għall-impjiegi lil intrapriżi sabiex tippromwovi r-reklutaġġ ta' persuni b'diżabbiltà permezz ta' riċeviment ta' sussidju għall-ingaġġ ta' persuni b'diżabbiltà. Din l-iskema hija kkofinanzjata mill-Fond Soċjali Ewropew, mill-gvern Malti u mill-impjegaturi. Miżura oħra ta' appoġġ hija li sabiex l-impegaturi jimpjegaw iktar minn 20 impjegat, mill-inqas 2% tal-ħaddiema għandhom ikunu persuni b'diżabbiltà; u jekk l-impjegaturi ma jikkonformawx ma' din il-leġiżlazzjoni jiġu mitluba li jagħtu kontribuzzjoni annwali għal kull persuna b'diżabilità li għandhom ikunu qiegħdin jimpjegaw. Jobsplus bħalissa qed toffri wkoll taħriġ ta' qabel l-impjieg lil persuni b'kull tip ta' diżabbiltà, inklużi ħiliet soċjali u ta' impjegabbiltà, permezz tal-fondi tal-UE. Qiegħdin jiġu offruti wkoll servizzi ta' taħriġ dwar l-impjiegi u servizzi ta' segwiment lil persuni b'diżabbiltà sa ċertu punt mill-NGO Inspire.

## Kura matul il-Jum

Servizzi ta' kura ta' matul il-jum għal persuni b'kull tip ta' diżabbiltà jinkludu 12-il Ċentru ta' Kura Matul il-Jum f'Malta u Għawdex. Dawn iċ-ċentri huma ġestiti mill-aġenzija tal-gvern "Agenzija Sapport", u huma bla ħlas għall-utenti tas-servizz, inklużi t-trasport u l-ikliet. L-utenti tas-servizz (minn 22 sena 'l fuq) iqattgħu l-ħin tagħhom billi jipparteċipaw f'attivitajiet bħalma huma l-ħolqien ta' kards, xogħol tat-tafal, preparazzjoni tal-ikel, programmi ta' ħiliet u litteriżmu tal-kompjuter, megħjuna mill-istaff ta' appoġġ. Dawn is-servizzi huma akkumpanjati minn servizzi ta' xogħol soċjali pprovduti mill-istess aġenzija. Il-"Fondazzjoni Nazareth", fondazzjoni privata mmexxija mill-pensjonijiet tar-residenti, fondi mill-Ministeru għall-Politika Soċjali u donazzjonijiet pubbliċi, għandha wkoll ċentru żgħir ta' kura matul il-jum għar-residenti li jgħixu fid-djar tal-komunità tagħhom. Ċentru ieħor żgħir għall-kura ta' matul il-jum għall-persuni għomja, Spero, huwa mmexxi minn entità privata imma ffinanzjat minn fondi pubbliċi. Dawn is-servizzi huma pprovduti fil-livell nazzjonali.

## Appoġġ għall-Għajxien

Il-maġġoranza tas-servizzi ta' appoġġ għall-għajxien huma pprovduti minn aġenziji pubbliċi. Għajxien appoġġjat / indipendenti, jiġifieri, appoġġ ipprovdut f'appartamenti u djar żgħar u personalizzati fejn jgħixu persuni b'diżabbiltà intellettwali (u persuni li għandhom kemm diżabbiltajiet intellettwali kif ukoll fiżiċi), huwa pprovdut mill-"Aġenzija Sapport", aġenzija tal-gvern. Utenti tas-servizz (18-il sena 'l fuq, li jistgħu jkomplu joqogħdu hemm sal-aħħar ta' ħajjithom; fejn l-utenti tas-servizzi ġodda ma jkunux jistgħu japplikaw għal dawn is-servizzi jekk il-persuna għandha iktar minn 60 sena), jingħataw appoġġ mill-persunal fl-attivitajiet tal-ħajja ta' kuljum, tagħlim tal-ħiliet u inklużjoni fil-komunità. L-aġenzija toffri wkoll servizzi tal-komunità, inklużi servizzi ta' soċjalizzazzjoni u intervent, lil persuni b'diżabbiltà intellettwali u fiżika fil-komunità. Pakkett finanzjarju huwa offrut ukoll bħala sussidju lil persuni b'diżabbiltà biex jagħżlu l-persuna li se tieħu ħsiebhom. Hija toffri wkoll servizzi ta' interpretazzjoni bil-lingwa tas-sinjali Maltija għal individwi li għandhom smigħ batut. Dawn is-servizzi huma akkumpanjati minn servizzi ta' ħaddiema soċjali, li jappoġġjaw ukoll l-aħwa ta' adulti b'diżabbiltà. L-NGOs (bħall-Fondazzjoni Inspire u l-Fondazzjoni Equal Partners) jipprovdu wkoll servizzi ta' appoġġ għall-għajxien lil adulti b'diżabilità intellettwali u disturbi tal-ispettru tal-awtiżmu permezz tal-provvediment ta' ħiliet ta' għajxien ta' kuljum u ta' komunikazzjoni; u attivitajiet domestiċi u ta' kura personali fi djarhom stess, fi djar residenzjali, u fil-komunità. Dawn huma ffinanzjati

minn taħlita ta' skemi ta' finanzjament mill-gvern, attivitajiet ta' ġbir ta' fondi, sponsorizzazzjonijiet privati, fondi tal-NGOs u miżati għall-utenti tas-servizz.

Entitajiet pubbliċi oħrajn jipprovdu appoġġ u taħriġ fit-teknoloġija tal-informazzjoni sabiex persuni b'diżabbiltà jkunu jistgħu jixtru u jużaw it-tagħmir teknoloġiku xieraq; u pariri, informazzjoni u taħriġ biex jgħinu lil persuni b'diżabbiltà fiżika u lill-familji tagħhom jagħżlu t-tip korrett ta' siġġijiet tar-roti; tipi ta' modifiki tal-karozzi; u tagħmir.

Dan is-servizz imsemmi huwa pprovdut permezz ta' ċentru parzjalment iffinanzjat prinċipalment mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond Soċjali Ewropew (b'parti żgħira ffinanzjata mill-gvern) fil-Kummissjoni għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità (CRPD). Is-CRPD toffri wkoll Karta tal-Identità Speċjali (u reċentement, il-Karta tad-Diżabilità tal-UE) lil persuni b'diżabbiltà, li tippermettilhom li jkollhom prijorità għal ċerti servizzi u tariffi bla ħlas / imnaqqsa għal xi servizzi u attivitajiet; u benefiċċji li jintitolaw lil persuni b'restrizzjonijiet ta' mobbiltà severi u permanenti li jkollhom il-vettura li jivvjaġġaw fiha ipparkjata f'postijiet pubbliċi riservati għal persuni b'diżabilità. Is-CRPD tivvettja wkoll applikazzjonijiet għall-bini ta' bini miftuħ għall-pubbliku u ta' użu maġġuri, biex tiżgura li jkunu fiżikament aċċessibbli għal kulħadd; filwaqt li l-awtorità tat-trasport tipprovdi benefiċċji ta' parkeġġ riżervat fejn persuni b'diżabbiltà serja jingħataw spazju għall-parkeġġ riservat ħdejn ir-residenza tagħhom. Finalment, is-CRPD tinkludi Unità ta' Konformità ta' Opportunitajiet Indaqs li tirċievi u tinvestiga lmenti dwar diskriminazzjoni.

Dawn is-servizzi kollha huma pprovduti fil-livell nazzjonali.

## Kura Istituzzjonali u Kura tal-Mistrieħ Fit-Tul

Servizzi ta' kura u ta' mistrieħ għal residenza fit-tul huma pprovduti prinċipalment minn organizzazzjonijiet tal-karità, l-aktar mill-Knisja Kattolika. L-akbar residenza (li tikkonsisti minn 8 residenzi), "Id-Dar tal-Providenza" (DTP), hija dar stabbilita mill-knisja għal persuni b'diżabbiltà (ta' bejn 14 u 80 sena). Ir-residenti kollha tagħha (ħlief għal residenza waħda li fiha persuni b'diżabbiltà fiżika) huma persuni b'diżabbiltà intellettwali, li ħafna minnhom għandhom ukoll insuffiċjenzi oħrajn. Fil-biċċa l-kbira, hija ffinanzjata minn benefatturi, donazzjonijiet pubbliċi u pensjonijiet tar-residenti; madankollu ħafna mis-servizzi pprovduti fid-djar tal-komunità tagħhom huma ffinanzjati mill-gvern. NGOs oħrajn (inklużi organizzazzjonijiet tal-knisja) jipprovdu kura residenzjali (u xi servizzi ta' mistrieħ) għal persuni b'diżabbilitajiet varji (inklużi diżabbiltajiet intellettwali u newrofiżiċi) fi djar tal-komunità li huma ffinanzjati minn taħlita ta' fondi tal-gvern, fondi tal-NGOs, miżati għall-utenti, donazzjonijiet pubbliċi. L-"Aġenzija Sapport", l-aġenzija tal-gvern, għandha residenza waħda għat-tfal b'diżabbiltà. L-unika NGO (mingħajr skop ta' qligħ) li tipprovdi biss servizzi ta' mistrieħ kif wkoll mistrieħ matul il-jum hija l-"Foundation for Respite Care Services" ("Dar il-Kaptan"). Is-servizz huwa ssussidjat ferm u l-fondazzjoni tirrinunzja l-miżati parzjali jew totali għal dawk il-familji li ma jistgħux jaffordjawhom.

Dawn is-servizzi kollha huma pprovduti fil-livell nazzjonali.

## Appoġġ għal Divertiment u Ħajja Soċjali

Apparti miċ-ċentri ta' Kura ta' Matul il-Jum li għandhom fil-mira wkoll il-ħajja kulturali u ta' divertiment għal persuni b'diżabbiltà, attivitajiet ta' divertiment ġenerali u soċjali għal persuni b'diżabilità huma pprovduti minn organizzazzjonijiet ta' persuni b'diżabbiltà differenti li jiffinanzjaw l-attivitajiet tagħhom permezz ta' avvenimenti ta' ġbir ta' fondi, finanzjament tagħhom stess, jew donazzjonijiet privati. NGOs oħrajn imexxu programmi għall-adolexxenti u adulti b'awtiżmu u diżabbiltajiet intellettwali permezz ta' appoġġ f'attivitajiet ta' divertiment; appoġġ lit-tfal fl-arti kreattiva permezz tal-użu ta' midja terapewtika; teatri multi-sensorji għal persuni b'diżabbiltà ta' kull età; irkib taż-żwiemel terapewtiku; u appoġġ lit-tfal fl-isports u l-logħob bl-użu ta' tagħmir speċjali. Dawn is-servizzi huma jew iffinanzjati minn miżati tal-utent jew huma inkorporati fi programmi oħrajn. Id-"Dar tal-Providenza" (DTP) toffri servizzi reliġjużi lir-residenti tagħha, servizzi tal-kompjuter fi kmamar individwali u f'laboratorju tal-kompjuter (sponsorjat); kamra multisensorjali (parzjalment iffinanzjata mill-"Malta Community Chest Fund Foundation"); ċentru ta' terapija akkwatika; u attivitajiet ta' arti u snajja. Organizzazzjonijiet speċjalizzati bħal "Opening Doors", organizzazzjoni tal-arti għall-adulti ('il fuq minn 18-il sena) b'diżabbiltà intellettwali, għandhom gruppi tat-teatru, żfin u mużika u huma ffinanzjati mill-Kunsill tal-Arti ta' Malta; filwaqt li "Special Olympics Malta", li hija NGO, tipprovdi opportunitajiet għal persuni b'diżabbiltà intellettwali biex jipparteċipaw f'attivitajiet sportivi kemm lokalment kif ukoll barra mill-pajjiż. Din hija ffinanzjata prinċipalment permezz ta' donazzjonijiet, sponsors u attivitajiet ta' ġbir ta' fondi.

Dawn is-servizzi kollha huma pprovduti fil-livell nazzjonali.

## XEJRIET FUTURI

Dawn li ġejjin huma l-projezzjonijiet kurrenti ewlenin fis-settur tal-Kura Soċjali u Servizzi ta' Appoġġ (SCSS) f'Malta:

- Il-gvern qiegħed jippjana li jibni hub komunitarju għal persuni b'diżabbiltà. Din se tkun kumpless ta' użu mħallat li jkun jinkludi residenzi, ħwienet, uffiċċji, workshops, hostel, ċentru ta' terapija u ġinnasju. Dan il-proġett, REACH, se jkun iffinanzjat minn fondi tal-UE u mill-gvern.
- Il-gvern għandu pjanijiet biex ikompli jiftaħ residenzi għal persuni b'diżabbiltà.
- Il-Malta Communications Authority (MCA), entità governattiva, qiegħda tippjana li tistabbilixxi tliet Ċentri Assistivi ta' Teknoloġija f'Malta u Għawdex biex jassistu lil persuni b'diżabbilitajiet fiżiċi, intellettwali u sensorji permezz ta' Teknoloġija Assistiva. Dawn iċ-ċentri huma ffinanzjati mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u qiegħdin jiġu implimentati fi sħubija mas-Segretarju Parlamentari għall-Persuni b'Diżabbiltà u t-Tixjiħ Attiv, il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol, il-Foundation for Information Technology Accessibility, il-Kummissjoni għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà, u l-Agenzija Sapport.

## INTERVISTI MAGĦMULA

Impjegat tal-Agenzija Sapport. Jannar 2018.
Charlene Borg, Maniġer tar-Relazzjonijiet mal-Ġenituri ma' Inspire. Jannar 2018.
Elena Tanti Burlo', Viċi-President u Direttriċi tas-Servizzi fil-Fondazzjoni "Equal Partners". Jannar 2018.
Fred Bezzina, L-Ewwel Direttur tal-Kummissjoni għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà. Jannar 2018.



## KOMUNIKAZZJONI BL-EMAIL

Anne-Marie Callus, Membru ta' Appoġġ tal-Kumitat tal-"Grupp Flimkien Naslu" . Jannar 2018.
Mark Spiteri, Koordinatur Għoli tal-Proġett, Inklużjoni Diġitali fl-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni. Jannar 2018.

## SORSI TAD-DEJTA


- Agenzija Sapport (2017). Disponibbli fuq: http://sapport.gov.mt/en/Pages/default.aspx
- Kummissjoni għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà (2017). Disponibbli fuq: https://crpd.org.mt
- Dar il-Kaptan (2016). Disponibbli fuq: http://www.darilkaptan.org
- Deaf People Association (2015). Disponibbli fuq t: http://www.deafmalta.com
- Fondazzjoni Nazareth (2018). Disponibbli fuq: http://www.fondazzjoninazareth.org/about-us/
- Fondazzjoni Wens (2017). Disponibbli fuq t: http://www.fondazzjoniwens.com
- Foundation for Information Technology Accessibility (2012). Disponibbli fuq: http://www.fitamalta.eu
- Gvern ta' Malta (2016). Disponibbli fuq: https://education.gov.mt/en/education/student-services
- Gvern ta' Malta (2017). Disponibbli fuq: https://deputyprimeminister.gov.mt/en/ahcs/Pages/occupational-therapy-services/cdau.aspx
- Hand in Hand (2017). Disponibbli fuq: https://www.handinhandmalta.com
- Id-Dar tal-Providenza (2018). Disponibbli fuq: https://www.dartalprovidenza.org
- Inspire (2016). Disponibbli fuq: https://inspire.org.mt
- Jobsplus (2017). Disponibbli fuq: https://jobsplus.gov.mt/job-seekers-mt-MT-en-GB/guidance-services/inclusive-employment- services; https://jobsplus.gov.mt/employers-mt-MT-en-GB/employing-persons/employing-persons-disability
- L.A.N.D. Malta (2017). Disponibbli fuq: http://www.landmalta.org/fundraising.php
- Il-Fondazzjoni Lino Spiteri (2014). Disponibbli fuq: http://linospiterifoundation.org
- L-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni (2017). Disponibbli fuq: https://www.mca.org.mt/initiatives/assistive-technology-centres
- Opening Doors Association (2017). Disponibbli fuq: http://openingdoors.org.mt
- Special Olympics Malta (2017). Disponibbli fuq: http://specialolympicsmalta.org
- Times of Malta (2017). Disponibbli fuq: https://www.timesofmalta.com/articles/view/20171207/community/naxxar-community-hub-for-persons-with-disabilities-gets-the-go-ahead.665113
- TVM (2017). Disponibbli fuq: https://www.tvm.com.mt/mt/news/tinfetah-dar-l-abilita-ghal-persuni-bdizabilita-fil-kalkara- binvestiment-ta-e600000/?src=hm; https://www.tvm.com.mt/en/news/dar-bjorn-opens-its-doors-for-13-people-suffering-from-als/
- Università ta' Malta (2017). Disponibbli fuq: https://www.um.edu.mt/about/services/support/access


Din l-iskeda informattiva hija ppreparata bħala parti mill-Programm ta' Ħidma "Reaching Out" tal-EASPD tal-2017.
Bl-appoġġ finanzjarju tal-Programm tal-Unjoni Ewropea għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali "EaSI" (2014-2020)

L-informazzjoni li tinsab f'din il-pubblikazzjoni ma tirreflettix neċessarjament il-pożizzjoni uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea.

Drittijiet tal-Awtur © EASPD 2018. Id-drittijiet kollha riservati. Ebda parti minn din il-pubblikazzjoni ma tista' tiġi riprodotta, maħżuna jew

introdotta f'sistema ta' irkuprabilità mingħajr il-permess minn qabel tal-proprjetarji tad-drittijiet tal-awtur.